**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 27 ta` Marzu, 2018.**

**Talba Nru: 479/2017PA**

**FM Core Condominium Administration Limited fil-kwalita` tagħha ta` Amministratriċi tal-Condomium bl-isem Fort Cambridge East 5**

**vs**

**Ezzeddin Saleh Al Ekkari u b'digriet tal-15 ta` Novembru 2017 Dr. Martin Fenech ġie nominat bħala kuratur sabiex jirrapreżenta lill-assenti Ezzeddin Saleh Al Ekkari**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-17 ta` Ottubru 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li hija amministratriċi tal-kondominju bl-isem Fort Cambridge East 5 u dana skond ma jirriżulta mid-dokument anness (Dok. A); li l-konvenut huwa sid l-appartament E5-401 sitwat u formanti parti mill-Blokk magħruf bħala Fort Cambridge Block East 5 li minnaħa tiegħu jifforma parti mill-iżvilupp magħruf bħala 'Fort Cambridge', fi Triq Tigne', Sliema; li huwa debitur tas-soċjeta` attriċi fis-somma ta` elfejn seba' mija u erba' Ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€2,704.42ċ) rappreżentanti arretrati ta` kontribuzzjonijiet annwali tal-istess kondominju in konnessjoni mal-appartament imsemmi; u li minkejja li kien debitament interpellat sabiex iħallas huwa baqa' inadempjenti. Hija għalhekk talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut

iħallasħa s-somma msemmija ta` elfejn seba’ mija u erba’ Ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€2,704.42) bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas, u bl-ispejjeż tal-kawża.

Ra d-dokument anness mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja fotostatika tal-Avviż tal-ħatra ta` Gillian Mahoney f’isem FM Core Condominium Administration Limited bħala amministratur tal-kondominju in kwistjoni (Dok. A, fol. 3).

Ra li l-konvenut ma ġiex notifikat personalment bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, għaliex irriżulta li m’għadux jabita fl-indirizz indikat f’Malta.

Ra li, fuq talba tas-soċjeta` attriċi, dan it-Tribunal għadda biex ħatar lill-avukat Dr. Martin Fenech bħala kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut assenti minn Malta f’dawn il-proċeduri.

Ra li minkejja li l-kuratur kien debitament notifikat bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, huwa naqas li jippreżenta Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża fl-interess tal-konvenut assenti.

Sema’ x-xiehda ta` Gillian Mahoney, li għandha t-tmexxija u r-rappreżentanża tas-soċjeta` attriċi, u tal-kondominju ‘Fort Cambridge – East 5’, u li ddikjarat ċar li l-konvenut huwa reġistrat magħha bħala s-sid tal-appartament bin-numru erbgħa mija u wieħed (401) f’dan il-kondominju. Hija spjegat ukoll li l-konvenut ħallas lis-soċjeta` attriċi l-miżati dovuti għas-sena 2016, u għas-snin ta` qabel, filwaqt li fit-28 ta` Frar 2017 ħallas parti mill-miżata dovuta għas-sena 2017. Il-bilanċ pero` baqa’ ma ħallsu qatt, lanqas fil-mori ta` dawn il-proċeduri. Hija fl-aħħarnett ikkonfermat li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta` attriċi fl-ammont, u għar-raġunijiet, indikati fit-Talba.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa’ t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasħa s-somma ta` elfejn, seba’ mija u erba’ Ewro, tnejn u erbgħin ċenteżmu (€2,704.42ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**